# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-Proposta għal Regolament dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u dokumenti oħra**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu)*

(2018/C 338/12)

Din l-Opinjoni tagħti sommarju tal-pożizzjoni tal-KEPD dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu.

F'dan il-kuntest, il-KEPD josserva li l-Kummissjoni b'mod ċar għażlet li tipprijoritizza l-aspetti tal-moviment liberu tal-Proposta u li tittratta l-objettiv relatat mas-sigurtà bħala korollarju. Il-KEPD jikkummenta li dan jista' jkollu impatt fuq l-analiżi tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-elementi tal-Proposta.

Il-KEPD jappoġġja l-objettiv tal-Kummissjoni Ewropea li jiżdiedu l-istandards ta' sigurtà applikabbli għal karti tal-identità u dokumenti ta' residenza, b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Unjoni sħiħa. Fl-istess waqt, il-KEPD iqis li l-Proposta ma tiġġustifikax biżżejjed il-ħtieġa li jiġu pproċessati żewġ tipi ta' *data* bijometrika (immaġni tal-wiċċ u marki tas-swaba') f'dan il-kuntest, filwaqt li l-iskopijiet iddikjarati jistgħu jinkisbu permezz ta' approċċ inqas intrużiv.

Skont il-qafas legali tal-UE, kif ukoll fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni Modernizzata 108, *data* bijometrika titqies bħala *data* sensittiva u hija soġġetta għal protezzjoni speċjali. Il-KEPD jisħaq li kemm l-immaġnijiet tal-wiċċ kif ukoll il-marki tas-swaba' li jiġu pproċessati skont il-Proposta, b'mod ċar jaqgħu fi ħdan din il-kategorija ta' *data* sensittiva.

Barra minn hekk, il-KEPD iqis li l-Proposta jkollha impatt estensiv fuq sa 370 miljun ċittadin tal-UE, li potenzjalment 85 % tal-popolazzjoni tal-UE tiġi soġġetta għal rekwiżit obbligatorju tal-marki tas-swaba'. Dan il-kamp ta' applikazzjoni wiesa', flimkien mad-*data* sensittiva ħafna li tiġi pproċessata (immaġnijiet tal-wiċċ flimkien ma' marki tas-swaba') jitlob skrutinju mill-qrib skont test ta' ħtieġa stretta.

Barra minn hekk, il-KEPD jirrikonoxxi li, minkejja d-differenzi bejn il-karti tal-identità u l-passaporti, l-introduzzjoni ta' karatteristiċi ta' sigurtà li jistgħu jitqiesu xierqa għall-passaporti għall-karti tal-identità ma tistax issir awtomatikament, iżda teħtieġ riflessjoni u analiżi profonda.

Barra minn dan, il-KEPD jixtieq jisħaq li l-Artikolu 35(10) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ *"GDPR"*) ([1]) ikun applikabbli għall-ipproċessar imminenti. F'dan il-kuntest, il-KEPD josserva li l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta ma tidhirx li tappoġġja l-għażla politika magħżula mill-Kummissjoni, jiġifieri l-inklużjoni obbligatorja kemm tal-immaġnijiet tal-wiċċ kif ukoll (żewġ) tal-marki tas-swaba' fil-karti tal-identità (u dokumenti ta' residenza). Konsegwentement, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta ma tistax titqies biżżejjed għall-iskopijiet ta' konformità mal-Artikolu 35(10) tal-GDPR. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li tiġi vvalutata mill-ġdid il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-*data* bijometrika (immaġni tal-wiċċ flimkien ma' marki tas-swaba') f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, il-Proposta għandha tipprevedi espliċitament salvagwardji kontra l-Istati Membri li jistabbilixxu bażijiet tad-*data* daktiloskopiċi nazzjonali fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Proposta. Għandha tiżdied dispożizzjoni fil-Proposta li tiddikjara espliċitament li d-*data* bijometrika pproċessata fil-kuntest tagħha għandha titħassar immedjatament wara l-inklużjoni tagħha fuq iċ-ċippa u ma tistax tiġi pproċessata aktar għal skopijiet oħra ħlief dawk li huma espliċitament stabbiliti fil-Proposta.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Il-KEPD jifhem li l-użu tad-*data* bijometrika jista' jitqies bħala miżura leġittima kontra l-frodi, iżda l-Proposta ma tiġġustifikax il-ħtieġa li jinħażnu żewġ tipi ta' *data* bijometrika għall-iskopijiet previsti fiha. Għażla oħra li għandha tiġi kkunsidrata tista' tkun li tiġi limitata l-bijometrija li tintuża għal waħda (eż. immaġni tal-wiċċ waħda).

Barra dan, il-KEPD jixtieq jenfasizza li huwa jifhem li l-ħażna tal-immaġnijiet tal-marki tas-swaba' ttejjeb l-interoperabbiltà, iżda fl-istess waqt din iżżid l-ammont ta' *data* bijometrika pproċessata u r-riskju ta' impersonizzazzjoni f'każ ta' ksur ta' *data* personali. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li d-*data* tal-marki tas-swaba' maħżuna fuq iċ-ċippa tad-dokumenti tiġi limitata għal irqaqat jew tendenzi, subsett tal-karatteristiċi li jinkisbu mill-immaġni tal-marka tas-swaba'.

Finalment, filwaqt li jikkunsidra l-medda wiesgħa u l-impatt potenzjali tal-Proposta deskritta hawn fuq, il-KEPD jirrakkomanda li jiġi stabbilit limitu tal-età għall-ġbir tal-marki tas-swaba' tat-tfal skont il-Proposta ta' 14-il sena, f'konformità ma' strumenti oħra tal-liġi tal-UE.

## 1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa *"il-Kummissjoni"*) ħarġet il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu ([1]) li għandu l-għan li jtejjeb il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-UE u ta' karti ta' residenza ta' membri tal-familja mhux tal-UE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Proposta").

2. Din il-proposta għal Regolament tagħmel parti mill-Pjan ta' Azzjoni ta' Diċembru 2016 *"biex jissaħħaħ ir-rispons Ewropew għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar"* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ *"il-Pjan ta' Azzjoni ta' Diċembru 2016"*) ([2]), li fih il-Kummissjoni identifikat azzjonijiet għall-indirizzar tal-kwistjoni tas-sigurtà tad-dokumenti, inklużi karti tal-identità u dokumenti ta' residenza, fil-kuntest tal-attakki terroristiċi riċenti fl-Ewropa.

3. Il-karti tal-identità għandhom rwol importanti biex jiżguraw l-identifikazzjoni ta' persuna għal skopijiet amministrattivi u kummerċjali, li ġie enfasizzat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha li ġiet adottata fl-14 ta' Settembru 2016 "It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobilità: skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni li jifilħu aktar" ([3]). Il-ħtieġa li titjieb is-sigurtà ta' dawn id-dokumenti ġiet enfasizzata wkoll fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2017.

4. Parti mill-missjoni tal-KEPD hija li jirrakkomanda s-servizzi tal-Kummissjoni fl-abbozzar ta' proposti leġislattivi ġodda b'implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-*data*.

5. Il-KEPD jilqa' l-fatt li kien diġà ġie kkonsultat b'mod mhux formali mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-abbozz tal-Proposta u ngħata l-opportunità li jipprovdi kontribut dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data*.

## 7. KONKLUŻJONIJIET

Il-KEPD josserva li l-Kummissjoni diġà għażlet b'mod ċar li tipprijoritizza l-aspetti tal-moviment liberu tal-Proposta u li tittratta l-objettiv relatat mas-sigurtà bħala korollarju. Il-KEPD jikkummenta li dan jista' jkollu impatt fuq l-analiżi tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-elementi tal-Proposta.

Il-KEPD jappoġġja l-objettiv tal-Kummissjoni Ewropea li jiżdiedu l-istandards ta' sigurtà applikabbli għal karti tal-identità u dokumenti ta' residenza, b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Unjoni sħiħa. Fl-istess waqt, il-KEPD iqis li l-Proposta ma tiġġustifikax biżżejjed il-ħtieġa li jiġu pproċessati żewġ tipi ta' *data* bijometrika (immaġni tal-wiċċ u marki tas-swaba') f'dan il-kuntest, filwaqt li l-iskopijiet iddikjarati jistgħu jinkisbu permezz ta' approċċ inqas intruživ.

Skont il-qafas legali tal-UE, kif ukoll fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni Modernizzata 108, *data* bijometrika titqies bħala *data* sensittiva u hija soġġetta għal protezzjoni speċjali. Il-KEPD jisħaq li kemm l-immaġnijiet tal-wiċċ kif ukoll il-marki tas-swaba' li jiġu pproċessati skont il-Proposta, b'mod ċar jaqgħu fi ħdan din il-kategorija ta' *data* sensittiva.

([1]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2018 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, COM(2018) 212 final, 2018/0104 (COD).

([2]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016: Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, COM(2016) 790 final.

([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill — It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobilità: skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni li jifilħu aktar, COM(2016) 602 final.

Barra minn hekk, il-KEPD iqis li l-Proposta jkollha impatt estensiv fuq sa 370 miljun ċittadin tal-UE, li potenzjalment 85 % tal-popolazzjoni tal-UE tiġi soġġetta għal rekwiżit obbligatorju tal-marki tas-swaba'. Dan il-kamp ta' applikazzjoni wiesa', flimkien mad-*data* sensittiva ħafna li tiġi pproċessata (immaġnijiet tal-wiċċ flimkien ma' marki tas-swaba') jitlob skrutinju mill-qrib skont test ta' ħtieġa stretta.

Barra minn hekk, il-KEPD jirrikonoxxi li, minkejja d-differenzi bejn il-karti tal-identità u l-passaporti, l-introduzzjoni ta' karatteristiċi ta' sigurtà li jistgħu jitqiesu xierqa għall-passaporti għall-karti tal-identità ma tistax issir awtomatikament, iżda teħtieġ riflessjoni u analiżi profonda.

Barraminn dan, il-KEPD jixtieq jisħaq li l-Artikolu 35(10) tal-GDPR ikun applikabbli għall-ipproċessar imminenti. F'dan il-kuntest, il-KEPD josserva li l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta ma tidhirx li tappoġġja l-għażla politika magħżula mill-Kummissjoni, jiġifieri l-inklużjoni obbligatorja kemm tal-immaġnijiet tal-wiċċ kif ukoll (żewġ) tal-marki tas-swaba' fil-karti tal-identità (u dokumenti ta' residenza). Konsegwentement, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta ma tistax titqies biżżejjed għall-iskopijiet ta' konformità mal-Artikolu 35(10) tal-GDPR. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li tiġi vvalutata mill-ġdid il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-*data* bijometrika (immaġni tal-wiċċ flimkien ma' marki tas-swaba') f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, il-Proposta għandha tipprevedi espliċitament salvagwardji kontra l-Istati Membri li jistabbilixxu bażijiet tad-*data* daktiloskopiċi nazzjonali fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Proposta. Għandha tiżdied dispożizzjoni fil-Proposta li tiddikjara espliċitament li d-*data* bijometrika pproċessata fil-kuntest tagħha għandha titħassar immedjatament wara l-inklużjoni tagħha fuq iċ-ċippa u ma tistax tiġi pproċessata aktar għal skopijiet oħra ħlief dawk li huma espliċitament stabbiliti fil-Proposta.

Il-KEPD jifhem li l-użu tad-*data* bijometrika jista' jitqies bħala miżura leġittima kontra l-frodi, iżda l-Proposta ma tiġġustifikax il-ħtieġa li jinħażnu żewġ tipi ta' *data* bijometrika għall-iskopijiet previsti fiha. Għażla oħra li għandha tiġi kkunsidrata tista' tkun li tiġi limitata l-bijometrija li tintuża għal waħda (eż. immaġni tal-wiċċ waħda).

Barra dan, il-KEPD jixtieq jenfasizza li huwa jifhem li l-ħażna tal-immaġnijiet tal-marki tas-swaba' ttejjeb l-interoperabbiltà, iżda fl-istess waqt din iżżid l-ammont ta' data bijometrika pproċessata u r-riskju ta' impersonizzazzjoni f'każ ta' ksur ta' data personali. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li d-data tal-marki tas-swaba' maħżuna fuq iċ-ċippa tad-dokumenti tiġi limitata għal irqaqat jew tendenzi, subsett tal-karatteristiċi li jinkisbu mill-immaġni tal-marka tas-swaba'.

Finalment, filwaqt li jikkunsidra l-medda wiesgħa u l-impatt potenzjali tal-Proposta deskritta hawn fuq, il-KEPD jirrakkomanda li jiġi stabbilit limitu tal-età għall-ġbir tal-marki tas-swaba' tat-tfal skont il-Proposta ta' 14-il sena, f'konformità ma' strumenti oħra tal-liġi tal-UE.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2018.

Giovanni BUTTARELLI

*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data